MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Numru. 54/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Charles Sultana ta' 22 sena bin Nazzareno u Carmen nee' Sammut,
imwieled Victoria, Ghawdex, fil-11 ta' Frar, 1984 u joqghod 81, Triq l-Imqades,
Xaghra, Ghawdex, detentur
tal-karta ta' l-identita' numru 9784(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Charles Sultana li gie akkuzat talli fid-29 ta' Jannar, 2005 u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li

jkollhom bhala bazi din ir-raza, ai termini tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-awtorizzazzjoni ta’ l-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl ta’ l-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt illi l-imputat jidher illi kkollabora mal-Pulizija u li din hija l-ewwel darba li kkommetta dan it-tip ta’ reat;

Ghalhekk il-Qorti qed taqta’ u tiddieciedi billi wara li rat l-Artikolu 8 (a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni tieghu stess issibu hati ta’ l-akkuza izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq moghtija b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-kawza markati bhala Dok. CS 4;

Il-Qorti tordna li l-atti u s-sentenza jigi mibghuta lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------